MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-15 ta' April, 2009

Avviz Numru. 26/2008

**Go p.l.c. (C 22334)**

**vs**

**Ronald Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat it-28 ta' Jannar tas-sena 2008, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lill-intimat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' tlett elef tminn mija u disgha u tletin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€3839.32), rapprezentanti ammont minnu

dovut in konnessjoni ma' servizzi telefonici in kwantu ghal mija u hmistax-il Ewro u tmienja u sittin centezmu (€115.68) fuq servizz telefoniku li jgib in-numru 21448133 (ac 10138291), in kwantu ghal elf hames mija u erbgha u hamsin Ewro u sitta u sebghin centezmu (€1554.76) fuq servizzi telefonici 21480368, 21 480367, 21480365, 21446619 (ac 10144108) u in kwantu ghal elfejn mija u tmienja u sittin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€2168.88) fuq is-servizz telefoniku bin-numru 21489262 (skond kif jirrizulta mill-anness Dok A sa Dok F);

2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-intimat li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota datata 11 ta' Gunju tas-sena 2008, fejn is-socjeta` rikorrenti rriduciet is-somma mitluba ghall elfejn sitt mija u tnejn u disghin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€2692.32) stante pagament li sar mill-intimat fil-mori tal-kawza;

Rat in-nota datata 5 ta' Dicembru tas-sena 2008, fejn is-socjeta` rikorrenti regghet rriduciet it-talba ghal elfejn sitt mija u disgha u sittin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€2669.32) stante pagament fil-mori tal-kawza;

Rat in-nota datata 10 ta' Marzu tas-sena 2009 li permezz taghha l-intimat ammetta t-talba kif ridotta;

Rat in-nota datata 7 t'April tas-sena 2009 li permezz taghha ghal darb'ohra s-socjeta' rikorrenti rriduciet it-talba ghall-elfejn erba' mija u tnejn u disghin Ewro u sittin centezmu (€2492.60);

Ghaldaqstant in vista ta' l-ammissjoni fuq indikata, din il-qorti tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti kif ridotta u tikkundanna lill-intimat Ronald Camilleri biex ihallas lis-socjeta` Go p.l.c. is-somma ta' elfejn erba' mija u tnejn u disghin Ewro u sittin centezmu (€2,492.60);

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------